MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru. 324/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**KONTRA**

**JOSEPH MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Muscat ta’ 46 sena, bin Adam u Maria nee’ Buttigieg, mwieled Mtarfa nhar it- 22 ta’ Frar 1964, residenti 67, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 132964(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli

1) Fil- lejl ta’ bejn it- 30 ta’ Marzu 2010 u l- 31 ta’ Marzu 2010 ghal habta tal- 11.00pm u hinijiet wara waqt li kien fi Drive Inn fi Triq Sant Elija, Fgura, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fu bieb ta’ Garaxx minghajr numru liema hsara ma tiskorrix €1165.69 imma hi izjed minn €116.47 ghad- detriment ta’ Carmel Demanuele mill- Fgura;

2) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi bl- imgieba tieghu ikkaguna biza’ lil Lawrence Cassar u Charlene Muscat mill- Fgura li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l- propjeta’ taghhom jew kontar l- persuna jew il- propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

3) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi saq vettura tal- ghamla Skoda bin- numru tar-registrazzjoni JAM 012 b’ manjiera bla kont u traskurata;

4) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat lil Lawrence Cassar mill-Fgura qabad arma cioe’ mus kontrih;

5) Akkutaz ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’ xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il- buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

6) Ukoll talli bil- lejl fl- istess cirkustanzi kiser il-mistrieh tan- nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’ mod iehor;

7) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Lawrence Cassar mill- Fgura ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ ohra fil- Kodici Kriminali;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi l-parte civile irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat, u l-partijiet iddikkjaraw seduta stante illi qed jittransigu l-pendenzi kollha bejniethom;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 251B, 325 (b), 338 (dd), 338 (m), 339(1)(b), 339(1)(e) tal- Kapitolu 9 u l- Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni tal- ewwel (1) akkuza din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Ma ssibux hati tat- tieni (2), it- tielet (3), ir- raba' (4), il-hames (5), is- sitt (6) u s- seba' (7) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------